TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

John Cassar

Vs

SMS Mondial/Orange Travel Group

CCT 161/20/MM

Illum, 27 ta' Settembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fl-10 ta' Novembru 2020 fejn in suċċint meta wieħed jgħarbel it-talbiet voluminużi tiegħu talab is-somma ta' tmien mitt Ewro (€ 800), rappreżentanti d-depożitu li huwa ħallas lis-soċjeta' intimata fir-rigward ta' cruise reklamata mill-istess soċjeta'.

Illi l-intimat intavola risposta fl-atti nhar is-7 ta' Diċembru 2020 jikkontesta it-talbiet attriċi fejn eċċepixxa illi dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti sabiex jisma dan il-każ stante li hemm qbil bejn il-partijiet li l-Qorti Maltija għandha l-kompetenza esklussiva u għalhekk dan it-Tirbunal għandu jastjeni milli jisma dan il-każ; Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tar-rikorrenti ma hiex ġustifikata, li r-rikorrenti kien iddeċieda li jikkanċella l-cruise tiegħu qabel mal-kumpanija P&O ikkanċellat; kien intlaħaq ftehim bejn il-partijiet; il-ħlas, b'ċekk u Future Credit Note intbgħatu lir-rikorretni wara l-ftehim milquħ bejn il-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-fatti tal-każ jirriżulta li l-ilment primarju tar-rikorrenti kien li ħassu ingannat li s-soċjeta' intimata ma kienetx tgħarrfitu skontu bid-dritt tiegħu li mal-kanċellament tal-cruise jieħu flusu lura

iżda ''b'qerq ħajjritu'' li jaċċetta l-offerta ssuġġerita mill-istess soċjeta' intimata u ċioe li jieħu parti mid-depożitu premezz ta' ċekk fl-ammont ta' Euro 434 u l-kumplament u ċioe Euro 366 fi Future Credit Note.

Ikkunsidra

Illi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal jeħtieġ jikkonsidra l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata u ċioe il-kompetenza jew in-nuqqas tagħha sabiex dan it-Tribunal jisma' l-każ in kwistjoni.

Illi l-Qrati tagħna kellhom diversi opportunitajiet sabiex jippronunzjaw rwieħhom fuq dan il-punt u għalhekk dan it-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) bin-numru 6/19 fl-ismijiet Rosaria u Carmelo Caruana vs SMS Mondial Ltd fejn ġie dikjarat illi:

'Kif wieħed jista' jara, l-**Artikolu 20** jagħmilha ċara li l-għażla dwar jekk komsumatur jagħmilx kawża kontra l-kummerċjant quddiem tribunal jew il-qrati hi esklussivament tiegħu. Għalhekk l-għażla ma tistax tiġi imposta fuq il-konsumatur.'

Illi għalhekk, din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Illi fil-mertu, mix-xhieda jirriżulta illi r-rikorrenti ħallas depożitu fuq cruise partikolari offrut mis-soċjeta' intimata. Jirriżulta wkoll li r-rikorrenti xtaq jikkanċella l-btala in kwistjoni għar-raġunijiet tiegħu. Tajjeb li jingħad li l-kanċellament min-naħa tar-rikorrenti sar qabel ma kien hemm kanċellament min-naħa tal-vapur stante miżuri tal-COVID 19.

Illi sussegwentment għall-kanċellazzjoni jidher li l-proċess sabiex ir-rikorrenti jirkupra flusu ħa iżjed minn dak miftiehem, dewmien li s-soċjeta' intimata tattribwih għall-vapur P&O.

Illi effettivament, ir-rikorrenti kien irċieva ċ-ċekk kif pattwit u jonqsu biss jiġbor il-Future Credit, liema offerta r-rikorrenti ma jridx jaċċetta stante li huwa jħossu li ġie ngannat fl-għażla ta' dik l-offerta meta allegatament huwa ma kienx offrut dak li qed jgħid li tagħtih il-Liġi u ċioe il-*full refund* tad-depożitu mingħajr Future Credit. Jgħid ukoll illi li kieku kien jaf b'dan huwa qatt ma kien jaċċetta li jagħżel dik l-offerta tal-partial refund u Future Credit.

Konsiderazzjonijiet

Illi l-perm ta' kollox huwa l-validita' u r-rieda ħielsa o meno li r-rikorrenti eżerċita meta huwa għażel li jipprevalixxi ruħu mill-offerta u issa, xhur wara kemm huwa jistgħa jmur lura minn dak il-ftehim li huwa qabel miegħu.

Illi jirriżulta ampjament mill-provi li r-rikorrenti kien ben informat b'dak kollu li kien qed jiġri fir-rigward tad-depożitu li huwa ħallas u di fatti hemm sensiela ta' korrispondenza li turi li r-rikorrenti ma qagħdx lura milli jistaqsi lid-diriġenti tas-soċjeta' intimata meta kellu diffikultajiet u kull deċiżjoni li ħa għamilha bil-fakolta' libera tiegħu mingħajr ebda xkiel jew pressjoni min-naħa tal-intimata.

Illi r-rikorrenti ma jistax wara li jkun laħaq ftehim jiddeċiedi li jivvanta ruħu mill-fatt li huwa konsumatur u jibdel fehmtu kif ġieb u laħaq wara li s-soċjeta' intimata kkonkludiet ftehim li bdiet teffettwa ma' terzi persuna rigward ammont parzjali ta' flejjes li kellha tirkupra f'isem ir-rikorrenti mingħand P&O.

Illi dan it-Tribunal ma jħossux konvit li r-rikorrenti ma kellux il-kapaċita' libera li jiddeċiedi u fl-ebda mument waqt it-trattattivi biex jiġi konkluż il-ftehmin bejn il-partijiet huwa esprima li ma kienx kuntent bl-offerta offruta lilu.

Għaldaqstant it-Tribunal iqis illi it-talba tar-rikorrenti ma hijiex ġustifikata b'dan illi għandu jibqa' fis-seħħ il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet u r-rikorrenti jitħalla jiġbor Future Credit Note fl-ammont ta' Euro 366.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru